MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta tat-18 ta' Lulju, 2012

Citazzjoni Numru. 474/2012

**Av. Dottor Antoine Camilleri bhala prokuratur specjali ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' estera Real Madrid Club De Futbol, ta' Calle Concha Espina, 1, 28036 Madrid, Spanja**

**vs**

**Dr. Anthony Cutajar u P.L. Gerald Bonello gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lis-socjeta' Bea Oum El Boughi 051 u lis-socjeta' Musa General Trading FZE b'digriet tal-31 ta' Mejju 2012**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur nomine tal-11 ta' Mejju 2012 li jghid hekk:

1. Illi s-socjeta' Real Madrid Club De Futbol, ta' Calle Concha Espina, 1, 28036 Madrid, Spanja hija l-proprjetarja ta' diversi markji, fosthom il-markju distintiv "Real Madrid Emblem Design", liema markju huwa wzat minn din is-socjeta' fuq diversi prodotti manifatturati minnha jew taht id-direzzjoni taghha bhala abbiljamenti tal-hwejjeg (inkluzi qliezet sportivi), zraben sportivi, brieret u prodotti ohra, u dan skond kif jidher fuq id-dokumenti "A", u "B";

2. Illi s-socjeta' rikorrenti hija detentrici tad-dritt ta' proprjeta' industrijali tal-istess markju "Real Madrid Emblem Design" fil-komplessita' tieghu rregistrat fir-Registru tal-Markji f'Malta taht *Trademark No.* 29044 (kif muri f'Dok. "A"), kif ukoll minhabba l-fatt illi s-socjeta' rikorrenti ghandha d-drittijiet tal-awtur fuq id-disinn jew xoghol artistiku "Real Madrid Emblem Design" u dan kolli ai termini tal-artikolu 2 tal-Att dwar Drittijiet Dwar Propjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta, liema markju "Real Madrid Emblem Design" huwa wkoll irregistrat bhal *Trademark* Komunitarja mal-*Office for Harmonization in the Internal Market ta' l-Unjoni Ewropea* (ibbazat f'Alicante, Spanja) taht Numru 004349692 (kif muri f'Dok. "B");

3. Illi jirrizulta illi fl-24 ta' Frar 2012 iddahhlet gewwa Malta fuq il-vapur "c/v CALISTO", u/jew giet importata temporanjament u/jew tqieghdet gewwa zona hielsa jew mahzen hieles, konsenja ta' abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi li jgibu l-markju distintiv tas-socjeta' rikorrenti fuq imsemmi liema konsenja tikkonsisti f'disat elef tmien mija u tmienja u tmenin (9,888) bicca f'abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi, b'Container Numru TRLU7243268 u li ma humiex genwini, u dan bi ksur tal-projibizzjoni tal-artikolu 4 tal-Kap. 414;

4. Illi mill-Polza ta' Kargu Numru XMPC266631 (kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok. "G") jirrizulta li l-konsenjatarji tal-abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi in kwistjoni huma ndikati bhala "To Order of Bea Oum El Boughi 051", mentri jirrizulta li d-dettalji tax-*Shipper* huma ndikati bhala "Musa General Trading FZE";

5. Illi d-dhul gewwa Malta, u /jew l-esportazzjoni u/jew ir-ri-esportazzjoni ghal cirkolazzjoni hielsa, u/jew importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta’ oggetti li jikkontravvjenu dritt dwar il-proprjeta intellettwali huwa projibit skond l-artikolu 4 tal-istess Kap. 414 tal-Ligijiet ta’ Malta;

6. Illi dawn l-abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi in kwistjoni jikkontravvjenu d-drittijiet ta’ proprjeta intellettwali tas-socjeta’ rikorrenti skond l-artikolu 2(1)(a)(i), (ii) u (iii) tal-KAP. 414, li favor taghha huwa rregistrat il-markju “Real Madrid Emblem Design”, u jikkontravvjenu wkoll id-drittijiet ta’ proprjeta’ intellettwali tas-socjeta’ rikorrenti skond l-artikolu 2(1)(b) tal-istess Kap. 414, u dan kollu kif ben spjegat mill-analizi li ghamel rapprezentant tas-socjeta’ rikorrenti (ara rapport tal-analizi mmarkat bhala Dok. “C”);

7. Illi din il-konsenja ta’ abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi bhalissa tinsab mizmuma mill-Kontrollur tad-Dwana taht il-provvedimenti tal-Kap. 414 wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta’ rikorrenti lill-istess Kontrollur wara li gew provduti lilu l-informazzjoni kollha pertinent sabiex ikun jista’ jiddeciedi dwar il-kaz (ara kopja tal-applikazzjoni mmarkata bhala Dok. “F”);

8. Illi huwa principju ben stabbilit fit-Trattat tal-Komunita’ Ewropeja u fil-kazistika tal-‘European Court of Justice’ illi r-Regolamenti mahruga mill-isitituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropeja ghandhom effett dirett gewwa l-pajjizi Membri tal-Unjoni Ewropeja u ghaldaqstant il-provvedimenti legali tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 207/2009 tas-26 ta’ Frar 2009 fuq it-*Trademark* Komunitarja ghandhom jigu nvokati direttament mill-Qrati Maltin fil-kwistjonijiet u l-kawzi li jkunu qed jigu trattati quddiemhom;

9. Illi l-artikolu 9 tal-Avviz Legali Numru 233 tal-2003 intitolat “Regoli ta’ l-2003 dwar it-*Trademarks* Komunitarja” jistipula illi l-Qrati Maltin li jistghu jittrattaw dwar *Trademarks* Komunitarji huma l-Prim’ Awla tal-Qorti Civili u l-Qorti tal-Appell;

10. Illi l-Avukat Dr. Antoine Camilleri noe jiddikjara illi l-fatti suesposti jafhom in parti personalment u in parti minn informazzjoni li inghatatlu mill-Kontrollur tad-Dwana u mill-mandanti tieghu;

Ghaldaqstant ir-rikorrent nomine jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-abbiljamenti tal-hwejjeg sporitivi in kwistjoni li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta' rikorrenti lill-istess Kontrollur, huma oggetti falsifikati u/jew oggetti mdahhla b'piraterija (skond l-Artikolu 2(1)(a) u/jew (b) tal-Kap. 414);

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u /jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahsen hieles ta' din il-konsenja ta' abbiljamenti tal-hwejjeg sportive li tikkonsisti f'disat elef tmien mija u tmienja u tmenin (9,888) bicca f'abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi, b'Container Numru TRLU7243268, da parti tal-intimati, jew min minnhom, u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana jikkontravvjenu d-dritt ta' proprjeta' intellettwali tas-socjeta' rikorrenti in kwantu li ma humiex genwini, skond l-artikolu 2(1)(a)(i)(ii)(iii) u (b) tal-Kap. 414 (Att dwar Drittijiet Dwar Propjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)) u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-artikolu 4 tal-istess Kap. 414, u dan fil-konfront tat-*Trademark* registrat f'isem is-socjeta' rikorrenti bin-Numru 29044 fir-Registru tal-Markji ta' Malta, u/jew fil-konfront tad-drittijiet tal-awtur illi s-socjeta' rikorrenti ghandha fuq ix-xoghol artistiku taghha "Real Madrid Emblem Desgin";

3. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din l-msemmija konsenja ta' abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi f'disat elef tmien mija u tmienja u tmenin (9,888) bicca f'abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi, b'Container Numru TRLU7243268, da parti tal-intimati jew min minnhom, u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta' rikorrenti lill-

Kontrollur tad-Dwana, jikkontravvjenu d-dritt ta' proprjeta' intellettwali tas-socjeta' rikorrenti in kwantu li ma humiex genwini skond l-artikolu 2(1)(a)(i)(ii)(iii) tal-Kap. 414 (Att dwar Drittijiet Dwar Propjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)) u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-artikolu 4 tal-istess Kap. 414, u dan fil-konfront tar-registrazzjoni tat-*Trademark* Kommunitarja Numru 004349692 registrat f'isem is-socjeta' rikorrenti (dan kollu skond il-provvedimenti tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 207/2009 tas-26 ta' Frar 2009 fuq it-*Trademark* Komunitarja (tal-Unjoni Ewropeja));

4. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana u/jew lis-socjeta' rikorrenti a bazi tal-ewwel talba u/jew tat-tieni talba u/jew tat-tielet talba sabiex jiddistruggu l-*abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi* in kwistjoni minghajr ebda kumpens lil, u ghas-spejjez tas-socjetajiet intimati jew min minnhom, skond l-artikolu 8 tal-Kap. 414;

5. Tordna kull rimedju iehor li tista' skond it-termini ta' l-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) - Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta, fil-konfront tas-socjeta' rikorrenti;

6. Tordna lis-socjetajiet intimati, jew min minnhom, sabiex ihallas l-ispejjez kollha fir-rigward tat-trasport, tal-hazna, tad-distruzzjoni tal- *abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi* in kwistjoni, u tal-ispejjez tal-ufficjali tad-Dwana skond it-termini tal-Kap. 414;

Bl-ispejjez, kontra s-socjetajiet intimati li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti li huma esebiti u mmarkati minn Dok. A sa Dok. G;

Rat id-digriet tal-31 ta' Mejju 2012 fejn gew nominati l-kuraturi deputati ndikati sabiex jidhru ghall-entitajiet intimati;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati tat-13 ta' Gunju 2012 fejn ecceppew:

1. Illi f'dan l-istadju l-esponenti mhux edotti mill-fatti u ghalhekk jirriservaw li jippresentaw risposta ulterjuri meta u jekk jirnexxilhom jikkomunikaw mas-socjetajiet minnhom rapprezentati, u f'dan ir-rigward minn issa jitolbu lir-rikorrenti jipprovdilhom kull informazzjoni li jista' ghandu dwar kull mezz ta' komunikazzjoni mal-intimati socjetajiet, u dan jekk ghandu aktar informazzjoni minn dik diga provduta fir-rikors guramentat;

Rat il-lista tax-xhieda tal-istess kuraturi deputati;

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-28 ta' Gunju 2012 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Claude Micallef Grimaud nomine li ddikjara li ma ghandux provi ohra oltre dak li hemm fil-process. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett d'ostakolo ghat-18 ta' Lulju 2012;

Rat ix-xhieda kollha prodotta;

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza;

**Ikkunsidrat**

Illi jirrizulta li is-socjeta` attrici hija proprjetarja ta' diversi markji fosthom il-markju distintiv "Real Madrid Emblem Design", liema markju huwa wzat minn din is-socjeta fuq diversi prodotti manifatturati minnha jew taht id-direzzjoni taghha bhal abbiljamenti tal-hwejjeg (inkluzi qliezet sportivi), zraben sportivi, brieret u prodotti ohra, u dan skond kif jidher fuq id-dokument A u B, liema marjku huwa registrat fir-Registru tal-Markji f'Malta taht Trademark numru 29044 u dak Komunitarju numru 004349692.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li f'*container* Numru TRLU7243268 li kien inhatt fil-port hieles ta' Marsaxlokk minn fuq il-vapur c/v CALISTO li kien diehel Malta fl-24 ta' Frar 2012 l-Ufficjali tad-Dwana sabu konsenja ta' abbiljamenti ta' hwejjeg sporitivi li jgibu l-markju distintiv tas-socjeta' rikorrenti liema konsenja tikkonsisti f'disat elef

tmien mija u tmienja u tmenin (9,888) bicca f'abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi, u li kien hemm suspett li ma humiex genwini u dan bi ksur tal-projibizzjoni tal-artikolu 4 tal-Kap. 414, u minn ezamijiet li saru sussegwentement fuq l-istess oggetti, instab li dawn kienu kontrafatti. Dan kollu jirrizulta mir-rapport datat 4 ta' Mejju 2012 (Dok. AC1 fol. 57) maghmul minn José Ángel Sánchez Periáñez, direttur manigerjali, tas-socjeta' rikorrenti.

Illi allura jirrizulta li kien hemm ksur tal-artikoli appositi tal-Kap. 414, u s-socjeta` attrici inizjat dawn l-opportuni proceduri gudizzjarji skond il-ligi, u fit-terminu indikat.

Peress li l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet attrici jidhru li gew kollha konfermati permezz tad-dokumenti esebiti mar-rikors guramentat esebiti bhala Dok. A sa Dok. G u atti ohra prezentati fl-atti tal-kawza li jinkludi l-affidavits tal-Ufficjal tad-Dwana (Dok. GA1 fol. 55) li kkonferma li l-istess abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi hawn indikati ghadhom qed jinzammu fl-imhazen tad-Dwana, u tar-rapport ta' José Ángel Sánchez Periáñez li kkonferma li mill-ezamijiet li saru fuq l-istess merkanzija mertu tal-kawza odjerna kienet fil-fatt kontrafatta.

Illi l-ispejjez kollha nkluzi sabiex issir id-distruzzjoni tal-istess abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi hija elenkata fl-affidavit Dok. GA1 ta' George Agius, Ufficjal tad-Dwana datat 26 ta' Gunju 2012. Ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha kif gej:

## Konkluzzjoni

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, taqta' u tiddeciedi, billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konsenja konsistenti f'disat elef tmien mija u tmienja u tmenin (9,888) bicca f'abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi, in kwistjoni li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta` rikorrenti lill-istess Kontrollur, huma oggetti falsifikati u/jew oggetti mdahhla b'piraterija skond l-artikolu 2(1)(a) u (b) tal-Kap. 414;

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din il-konsenja ta' disat elef tmien mija u tmienja u tmenin (9,888) bicca f'abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi, b'Container Numru TRLU7243268 da parti tas-socjeta` intimata u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta` rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana jikkontravvjenu d-dritt ta' proprjeta intellettwali tas-socjeta` rikorrenti inkwantu li ma humiex genwini, skond l-artikolu 2(1)(a)(i)(ii)(iii) u (b) tal-Kap. 414 (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)) u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-artikolu 4 tal-istess Kap. 414, u dan fil-konfront tat-Trademarks registrati f'isem is-socjeta` rikorrenti bin-numru 29044 fir-Registru tal-Markji ta' Malta, u dak Komunitarju bin-numru 004349692";

3. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex fi zmien qasir u perentorju ta' disghin (90) gurnata mid-data ta' din is-sentenza jiddistruggi l-abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi in kwistjoni minghajr ebda kumpens lil, u a spejjez tas-socjetajiet intimati, skond l-artikolu 8 tal-Kap. 414;

4. Tordna lis-socjetajiet intimati jhallsu l-ispejjez kollha fir-rigward tat-trasport, tal-hazna, tad-distruzzjoni tal-abbiljamenti ta' hwejjeg sportivi in kwistjoni, u tal-ispejjez tal-Ufficjali tad-Dwana skond it-termini tal-Kap. 414 kif jirrizulta mill-Affidavit ta' George Agius Dok. GA1;

5. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-hames talba attrici;

Bl-ispejjez kontra s-socjetajiet/entitajiet konvenuti b'dan li l-kuraturi deputati jithallsu skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------